**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francesco Mizzi)**

**-vs-**

**Massimo Grixti, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 478189M.**

***Każ Nru.: 7000/2024***

Illum**, 16 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Massimo Grixti,** u ċioè talli:

Nhar it-8 ta' Settembru 2024 u/jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel, ġewwa il-Gżejjer Maltin,

1. Naqas milli josserva l-kondizzjoni imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Elaine Mercieca LL.D fid-digriet tagħha datat 30$^{th}$ Novembru 2022 li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanziji varji, u dan bi ksur ***tal-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma' **Massimo Grixti** bħala persuna reċidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest tal-imsemmi **Massimo Grixti** u dan ai termini ***tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok jingħad li kif jidher mill-filmat esibit[1], il-Pulizija Eżekuttiva kienet ferm tolleranti mal-imputat li kellu għaliex jiġi imputat bir-reat ravviżat bl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll b'dak kontravvenzjonali ai termini tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kodiċi Kriminali.

Mix-xiehda tal-ispettur u mhux anqas mill-*bail book* esibit[2] minnu jirriżulta li l-imputat ghal diversi xhur sporadikament kien jonqos milli jiffirma kif obbligat jagħmel b' digriet tat-30 ta' Novembru 2022 maħruġ mill-Onor. Maġistrat Dr. Elaine Mercieca.[3]

Jirrizulta li fl-aħħar seba' xhur l-imputat naqas milli jiffirma l-Għassa hekk kif ordnat u ċioe fl-4.02.24; 25.02.24, 10.03.24, 06.04.24, 15.04.24, 28.04.24, 05.05.24, 12.05.24, 18.05.24, 23.05.24, 01.06.24, 03.06.24, 10.08.24 u 08.09.24.

Fis-sottomissjonijiet mgħallma tagħha l-abbli difiża issottomettiet li ġaladarba dawk il-kundizzjonijiet ma ġewx konfermati li għadhom viġenti mir-reġistratur, dawn m'għandhomx il-forza probatorja rikjesta w għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat.

Din il-Qorti ma taqbilx. Dawn il-kundizzjonijiet ġew konfermati li huma vera kopja tal-oriġinal mid-Deputat Reġistratur, *lunga mano* tar-Reġistratur, bħala vera kopja. Għalhekk kemm il-darba kien hemm xi tibdil fihom, multo magis tenut kont li fix-xiehda tal-uffiċjal prosekutur ingħad li l-proċeduri fil-konfront tal-imputat għadhom pendenti. Dan ifisser li kienu kien seħħ xi tibdil fihom dan kien jiġi indikat fl-istess digriet, biex ma jingħad xejn li l-imputat kien ikun infurmat u għalhekk faċilment seta jressaq id-debita prova – dejjem sal-grad tal-probabbli.

Madankollu jibqa' l-fatt, li anke jekk għall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha takkolji l-argument tad-difiza li l-ispettur jista' biss jixhed fuq il-pożizzjoni tal-

[1] **Dok.FM2**
[2] **Dok.FM1**
[3] **Dok.FM**

imputat sa dak iż-żmien li hu kien ivverifika l-kondizzjonijiet tal-*bail* u ċioe f' Mejju, 2024, jibqa' l-fatt li l-imputat kien ġa kiser l-obbligu li jiffirma l-*bail book* f'xejn anqas minn sitt (6) okkażjonijiet u cioe fis-segwenti dati: 4.02.24; 25.02.24, 10.03.24, 06.04.24, 15.04.24 u 28.04.24.

Ikkunsidrat ukoll,

L-Ispettur Mizzi xehed li l-proċeduri fil-konfront ta' Grixti li dwarhom ingħata l-ħelsien mill-arrest għadhom pendenti, fejn issa sar l-uffiċjal prosekutur f'dak il-każ wara l-Ispettur Ryan Vella.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Tyson Grech**:[4]

> Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa marbut mas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni. Huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx b'mod legali u raġonevoli tasal għassejbien ta' ħtija tiegħu fejn ġie determinat li huwa kiser ilkondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u dana minħabba nuqqas ta' provi. Jgħid li x-xiehda tal-iSpettur Joseph Scerri mhijiex biżżejjed u li kellu jittella' jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti. Ikompli li rraġunament tal-Ewwel Qorti mhuwiex korrett għax huwa mhux tenut iressaq l-ebda prova u li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha.
>
> Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li sabiex tiġi ppruvata r-raba' (4) imputazzjoni kien meħtieġ is-segwenti:
>
> - l-identita' tal-persuna imniżżla fid-digriet;
> - il-konferma li fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo l-kawża li fiha jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest relattiv kienet għadha mhux konkluża;
> - id-digriet dwar il-ħelsien mill-arrest kien għadu fis-seħħ; 367/2021/1 NC 25
> - l-azzjoni inkriminata kienet bi ksur ta' tali kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet.
>
> Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Caruana** (Numru 208/2020) fejn din il-Qorti qalet hekk:
>
> > "10. Din il-Qorti tqis li dan ma kienx proċeduralment korrett. B'hekk l-ilment tad-Difiża f'dan il-każ jimmerita li jiġi milqugħ Din il-Qorti, u l-Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tista' tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju prepost għal produzzjoni tal-provi tagħha li jkun ġie kommess il-fatt vjolattiv tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li l-istess fatt ikun seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli, kif ukoll li tipprova dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk viġenti bl-aqwa prova li huwa l-kopja legali integra u sħiħa tal-istess digriet – inkluż bl-emendi jew żidiet li jkunu saru wara l-emanazzjoni tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali. Jekk dan ma jkunx sar, allura ma jkunx jista' jitqies integrat ir-reat de quo."

[4] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Deċiża 11 ta' Jannar 2024; Appell Numru 367/2021/1

> Illi fir-rigward ta' dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami fejn jgħid li kellu jitressaq ir-Reġistratur tal-Qorti u li x-xiehda tal-iSpettur Xerri ma kinitx biżżejjed, din il-Qorti tinnota li dan mhux neċessarju kif del resto diġa' ngħad minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha mogħtija fit-22 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tyson Grech** (Numru 293/2022/1).[5] Illi d-digriet (Dok. "JX" – a fol. 279) iġib id-data tas-26 ta'April 2019 ċioè qabel ma l-appellant wettaq ir-reat mixli bih f'dan il-każ. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2020, l-iSpettur Joseph Xerri (a fol. 277) jikkonferma li l-kondizzjonijiet tal-liberta' proviżorja kienu għadhom in vigore. Jirriżulta li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur tal-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill- 367/2021/1 NC 26 arrest in kwistjoni tant li huwa kkonferma l-identita' tal-appellant allura imputat. Minn dan id-digriet jirriżultaw il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u din il-Qorti effettivament tista' tikkonstata li ladarba ġiet konfermata l-ħtija tal-appellant fl-ewwel (1) imputazzjoni, b'hekk waħda mill-kondizzjonijiet tkun inkisret.
>
> Illi għalhekk r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

Fid-dawl tal-provi mressqa u fuq skorta ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni miġjuba.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset il-karattru refrattiv tal-imputat, tan-numru konsiderevoli t'okkażjonijiet li fihom Grixti kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ fosthom il-mod insolenti u l-komportament tiegħu versu l-forzi tal-Ordni. Jibqa' l-fatt li l-imputat tul il-proċeduri la talab skuża jew offra xi spjegazzjoni għan-nuqqas tiegħu. Ordnijiet tal-Qrati għandhom jiġu mħarsa skrupolożament u fin-nuqqas ikun hemm il-konsegwenzi li ipprovda għalihom il-Leġislatur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal **tmintax (18) il-xahar priġunerija** li bl-

[5] Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita' għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument talkommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni

applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett (3) snin millum.

Inoltre tordna l-konfiska ta' elfejn ewro **(€2,000)** mid-depożitu li jifforma parti mill-garanzija li in konsiderazzjoni tal-istess ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Onor. Maġistrat Dr. Elaine Mercieca (illum Onor. Maġistrat Dr. Elaine Rizzo) fid-digriet mogħti nhar it-30 ta' Novembru, 2022.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**